MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 72/2020 LM

**Christopher Abela Medici (K.I. Nru. 641456(M)), Emanuel Abela sive Noel (K.I. Nru. 261057(M)), Charles Agius (K.I. Nru. 534952(M)), Raymond Aquilina (K.I. Nru. 98255(M)), Alfred Attard (K.I. Nru. 481458(M)), Martin Attard (K.I. Nru. 752957(M)), Romwald Attard (K.I. Nru. 644756(M)), Ray Azzopardi (K.I. Nru. 190956(M)), Raymond Azzopardi (K.I. Nru. 743758(M)), Joe Baldacchino (K.I. Nru. 696357(M)), Julian Baldacchino (K.I. Nru. 46658(M)), Anthony Borg (K.I. Nru. 815051(M)), Carmelo Borg (K.I. Nru. 877753(M)), Charles Borg Sant (K.I. Nru. 252352(M)), Joseph Borg (K.I. Nru. 31057(M)), Monica Borg (K.I. Nru. 346957(M)), Vincent Mario Buhagiar (K.I. Nru. 869853(M)), Maria Theresa Busuttil (K.I. Nru. 828653(M)), Carmel (Lino) Calleja (K.I. Nru. 803756(M)), Carmen Camilleri (K.I. Nru. 1073548(M)), Manuel Camilleri (K.I. Nru. 31158(M)), Joe Caruana (K.I. Nru. 709057(M)), Mario Caruana (K.I. Nru. 773852(M)), Hector Cassar (K.I. Nru. 574557(M)), Raymond Cassar (K.I. Nru. 809958(M)), Maria Monica Chetcuti (K.I. Nru. 786252(M)), Joseph Costa (K.I. Nru. 404854(M)), Robert Darmanin (K.I. Nru. 709855(M)), John Delia (K.I. Nru. 18657(M)), Joe Dimech (K.I. Nru. 165747(M)), Richard Dimech (K.I. Nru. 498858(M)), Victor Dimech (K.I. Nru. 576356(M)), Robert J. Ducker (K.I. Nru. 109183(M)), Dr. Arthur**

**Ellul (K.I. Nru. 434854(M)), Edith Falzon (K.I. Nru. 540058(M)), Gaetano Falzon (K.I. Nru. 123756(M)), Franco Farrugia (K.I. Nru. 242055(M)), Mario Farrugia (K.I. Nru. 282455(M)), Pierre Farrugia (K.I. Nru. 163957(M)), Josephine Fenech Borg (K.I. Nru. 294258(M)), Ronald Formosa (K.I. Nru 780455(M)), John Galea (K.I. Nru. 204058(M)), Mario Gambin (K.I. Nru. 546957(M)), Carmel (Charles) Gauci (K.I. Nru. 439058(M)), Renzo Gonzi (K.I. Nru. 838157(M)), Josephine Grima (K.I. Nru. 434557(M)), Joseph Grixti (K.I. Nru. 733956(M)), Joseph Grixti (K.I. Nru. 1020647(M)), Albert Hili (K.I. Nru. 56251(M)), Christopher Laferla (K.I. Nru. 767451(M)), Vincent Lanzon (K.I. Nru. 780954(M)), Mario Lentini (K.I. Nru. 388856(M)), Noel Lewis (K.I. Nru. 231657(M)), Emanuel Mallia (K.I. Nru. 115955(M)), Godwin Mamo (K.I. Nru. 391556(M)), Adrian Manfré (K.I. Nru. 314558(M)), Stephen Mangion (K.I. Nru. 805857(M)), James Marston (K.I. Nru. 26157(M)), Raymond Joseph Mercieca (K.I. Nru. 283154(M)), Joseph Mercieca (K.I. Nru. 453254(M)), Emanuel Micallef (K.I. Nru. 659057(M)), Maryanne Micallef (K.I. Nru. 382881(M)), Michael Micallef (K.I. Nru. 688357(M)), George Mifsud (K.I. Nru. 7947(M)), Vincent Mifsud (K.I. Nru. 331252(M)), Trancred Mizzi (K.I. Nru. 557153(M)), Raymond Pace (K.I. Nru. 571456(M)), Rosanne Petrocochino (K.I. Nru. 269657(M)), Alfred Pisani (K.I. Nru. 32557(G)), Manwel Rizzo (K.I. Nru. 784358(M)), Godwin Said (K.I. Nru. 533955(M)), Reuben Saliba (K.I. Nru. 615654(M)),Carmel Scicluna (K.I. Nru. 692454(M)), Lawrence Seychell (K.I. Nru. 549256(M)), Raymond Seychell, (K.I. Nru. 564056(M)), Normand Spagnol (K.I. Nru. 474557(M)), Alfred Spiteri (K.I. Nru. 579057(M)), William Stride (K.I. Nru. 140452(M)), Emanuel Tagliaferro (K.I. Nru. 41253(M)), Charles Vassallo (K.I. Nru. 532253(M)), James Vella (K.I. Nru. 119959(M)), Raymond Vella (K.I. Nru. 584554(M)), Henry Verzin (K.I. Nru. 824756(M)), Rudolf Zammit (K.I. Nru. 570856(M)), Mario Zarb (K.I. Nru. 102156(M))**

*('l-appellanti')*

***vs.***

**Bank of Valletta p.l.c. (C2 833)**

*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Christopher Abela Medici (K.I. Nru. 641456(M)), Emanuel Abela sive Noel (K.I. Nru. 261057(M)), Charles Agius (K.I. Nru. 534952(M)), Raymond Aquilina (K.I. Nru. 98255(M)), Alfred Attard (K.I. Nru. 481458(M)), Martin Attard (K.I. Nru. 752957(M)), Romwald Attard (K.I. Nru. 644756(M)), Ray Azzopardi (K.I. Nru. 190956(M)), Raymond Azzopardi (K.I. Nru. 743758(M)), Joe Baldacchino (K.I. Nru. 696357(M)), Julian Baldacchino (K.I. Nru. 46658(M)), Anthony Borg (K.I. Nru. 815051(M)), Carmelo Borg (K.I. Nru. 877753(M)), Charles Borg Sant (K.I. Nru. 252352(M)), Joseph Borg (K.I. Nru. 31057(M)), Monica Borg (K.I. Nru. 346957(M)), Vincent Mario Buhagiar (K.I. Nru. 869853(M)), Maria Theresa Busuttil (K.I. Nru. 828653(M)), Carmel (Lino) Calleja (K.I. Nru. 803756(M)), Carmen Camilleri (K.I. Nru. 1073548(M)), Manuel Camilleri (K.I. Nru. 31158(M)), Joe Caruana (K.I. Nru. 709057(M)), Mario Caruana (K.I. Nru. 773852(M)), Hector Cassar (K.I. Nru. 574557(M)), Raymond Cassar (K.I. Nru. 809958(M)), Maria Monica Chetcuti (K.I. Nru. 786252(M)), Joseph Costa (K.I. Nru. 404854(M)), Robert Darmanin (K.I. Nru. 709855(M)), John Delia (K.I. Nru. 18657(M)), Joe Dimech (K.I. Nru. 165747(M)), Richard Dimech (K.I. Nru. 498858(M)), Victor Dimech (K.I. Nru. 576356(M)), Robert J. Ducker (K.I. Nru. 109183(M)), Dr. Arthur Ellul (K.I. Nru. 434854(M)),Edith Falzon (K.I. Nru. 540058(M)), Gaetano Falzon (K.I. Nru. 123756(M)), Franco Farrugia (K.I. Nru. 242055(M)), Mario Farrugia (K.I. Nru. 282455(M)), Pierre Farrugia (K.I. Nru. 163957(M)), Josephine Fenech Borg (K.I. Nru. 294258(M)), Ronald Formosa (K.I. Nru 780455(M)), John Galea (K.I.**

**Nru. 204058(M)), Mario Gambin (K.I. Nru. 546957(M)), Carmel (Charles) Gauci (K.I. Nru. 439058(M)), Renzo Gonzi (K.I. Nru. 838157(M)), Josephine Grima (K.I. Nru. 434557(M)), Joseph Grixti (K.I. Nru. 733956(M)), Joseph Grixti (K.I. Nru. 1020647(M)), Albert Hili (K.I. Nru. 56251(M)), Christopher Laferla (K.I. Nru. 767451(M)), Vincent Lanzon (K.I. Nru. 780954(M)), Mario Lentini (K.I. Nru. 388856(M)), Noel Lewis (K.I. Nru. 231657(M)), Emanuel Mallia (K.I. Nru. 115955(M)), Godwin Mamo (K.I. Nru. 391556(M)), Adrian Manfre' (K.I. Nru. 314558(M)), Stephen Mangion (K.I. Nru. 805857(M)), James Marston (K.I. Nru. 26157(M)), Raymond Joseph Mercieca (K.I. Nru. 283154(M)), Joseph Mercieca (K.I. Nru. 453254(M)), Emanuel Micallef (K.I. Nru. 659057(M)), Maryanne Micallef (K.I. Nru. 382881(M)), Michael Micallef (K.I. Nru. 688357(M)), George Mifsud (K.I. Nru. 7947(M)), Vincent Mifsud (K.I. Nru. 331252(M)), Trancred Mizzi (K.I. Nru. 557153(M)), Raymond Pace (K.I. Nru. 571456(M)), Rosanne Petrocochino (K.I. Nru. 269657(M)), Alfred Pisani (K.I. Nru. 32557(G)), Manwel Rizzo (K.I. Nru. 784358(M)), Godwin Said (K.I. Nru. 533955(M)), Reuben Saliba (K.I. Nru. 615654(M)),Carmel Scicluna (K.I. Nru. 692454(M)), Lawrence Seychell (K.I. Nru. 549256(M)), Raymond Seychell, (K.I. Nru. 564056(M)), Normand Spagnol (K.I. Nru. 474557(M)), Alfred Spiteri (K.I. Nru. 579057(M)), William Stride (K.I. Nru. 140452(M)), Emanuel Tagliaferro (K.I. Nru. 41253(M)), Charles Vassallo (K.I. Nru. 532253(M)), James Vella (K.I. Nru. 119959(M)), Raymond Vella (K.I. Nru. 584554(M)), Henry Verzin (K.I. Nru. 824756(M)), Rudolf Zammit (K.I. Nru. 570856(M)), Mario Zarb (K.I. Nru. 102156(M))**, minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] mid-deċiżjoni numru 2680 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fil-21 ta' Ottubru, 2020, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3442/CCG,

fejn it-Tribunal laqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata Bank of Valletta p.l.c. [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] dwar id-dekadenza mit-terminu ta' erba' xhur li fih l-appellanti kienu tenuta jintavolaw il-proċeduri quddiem it-Tribunal, u b'hekk ma laqgħax it-talbiet tagħhom.

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegazzjoni magħmula mill-appellanti ta' allegat trattament diskriminatorju fil-konfront tagħhom meta s-soċjetà appellata ddeċidiet li ma tapplikax b'mod uniformi l-benefiċċji tal-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Pension Fund.*

## Mertu

3. Għalhekk l-appellanti istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal permezz ta' rikors fil-25 ta' Jannar, 2016 fejn talbuh:

> "1. *Jiddikjara li l-Bank intimat applika l-benefiċċji tal-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Pension Fund *b'mod mhux uniformi u għalhekk b'mod arbitrarju u diskriminatorju u leżiv għad-drittijiet tar-rikorrenti;*
>
> 2. *Jiddikjara li l-bank intimat għandu jħallas tali benefiċċji lil kull wieħed mir-rikorrenti, jew min minnhom;*
>
> 3. *Jillikwida tali benefiċċji u arretrati ta' benefiċċċji mhux imħallsa lir-rikorrenti, jew min minnhom;*
>
> 4. *Jikkundanna lill-bank intimat iħallas lir-rikorrenti, jew min minnhom, l-ammont hekk likwidat fit-talba preċedenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-bank intimat."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet billi ssottomettiet li t-talbiet tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha eċċepiet li l-appellanti ma kienux osservaw it-terminu ta' dekadena *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant it-Tribunal ma kellux jieħu konjizzjoni tal-ilment tagħhom.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni preliminari tiegħu:

> ***"Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal***
>
> *"It-Tribunal ser jibda billi jikkunsidra l-eċċezzjoni tat-terminu ta' dekadenza mressqa mill-Bank intimat. It-Tribunal jirreferi għall-Artikolu 30(1) tal-Kap. 452 li jgħid is-segwenti:*
>
> Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.
>
> *Il-kwistjoni fil-każ odjern hija fil-fatt id-data tal-allegat ksur. Iż-żewġ partijiet trattaw dan il-punt u kkwotaw diversi sentenzi, kemm quddiem il-Qrati nostrani kif ukoll quddiem tribunali Ingliżi. L-argument tar-rikorrenti huwa li l-allegat ksur huwa wieħed kontinwu u sakemm Tom Anastasi Pace u Patrick Bonett jibqgħu jirċievu t-*topping up *tal-pensjoni u huma le, it-terminu tad-dekandenza ma jkunx għadu beda jiddekorri. Ir-rikorrenti għamlu riferiment għas-sentenza Christopher Hall vs. Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2009 fejn saret riferenza għas-sentenza Pawlu Cachia vs. Avukat Ġenerali deċiża fit-28 ta' Diċembru, 2001. It-Tribunal jirrimarka illi l-fatti ta' din is-sentenza m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ odjern stante illi "*F'dak il-każ il-Qorti kellha quddiemha proċeduri għall-esproprjazzjoni li ma kienux ġew konklużi u propju dan kien il-pern tal-kwistjoni." *Fil-fehma ta' dan it-Tribunal proċeduri għall-esproprjazzjoni li ma kinux ġew konklużi ma jistgħux jitqabblu mal-fatti tal-każ odjern stante illi f'dan il-każ ma*

*hawn l-ebda proċeduri illi ma ġewx konklużi. Il-fatti tal-każ odjern jikkonċernaw deċiżjonijiet li ttieħdu darba u li l-effetti ta' dawn id-deċiżjonijiet ċertament għadhom qed jaffettwaw lir-rikorrenti u għalhekk infetħu il-proċeduri quddiem dan it-Tribunal.*

*Il-Bank intimat fuq in-naħa l-oħra irrefera għal-liġi industrijali Ingliża fejn issir distinzjoni bejn* "an act of continuing discrimination and an act of discrimination that has continuing effects". *Dan il-punt ġie trattat minn Selwyn u f'diversi każijiet quddiem it-Tribunal u Qrati Ingliżi, liema każijiet saret referenza għalihom mill-Bank intimat. Fil-każijiet imsemmija issir distinzjoni dwar jekk il-fatt li wassal għall-allegata diskriminazzjoni kienx deċiżjoni ta' darba jew riżultat ta' policy min-naħa ta' min inħaddem. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-allegat att ta' diskriminazzjoni irriżulta fil-mument illi l-Bank intimat iddeċieda illi Tom Anastasi Pace u Patrick Bonett għandhom jingħataw it-*topping up *tal-pensjoni u li tali* topping up *mhuwiex dovut lir-rikorrenti. Għaldaqstant, jekk wieħed jagħmel analiżi tal-fatti illi wasslu għal din l-allegata diskriminazzjoni, jasal jgħid li, għas-saħħa tal-argument, jekk se nqisu il-fatti bħala att ta' diskriminazzjoni, din id-deċiżjoni jew dawn id-deċiżjonijiet jinkwadraw fid-definizzjoni ta' att ta' diskriminazzjoni li għandi effetti kontinwi u mhux att kontinwu ta' diskriminazzjoni.*

*Il-Bank intimat jagħmel ukoll riferiment għall-Artikolu 47(2) tal-Kap. 452 li jgħid "*Fejn ir-reat jirreferi għan-nuqqas mill-prinċipal li jħallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif meħtieġ b'dan l-Att jew kif speċifikat b'xi ordni ta' standard nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-prinċipal jkun naqas li jħallas il-pagi tenuti lill-impjegat regolarment matul il-perijodu ta' preskrizzjoni", *u jargumenta illi fejn il-leġislatur ried li reat ikun meqjus bħala wieħed kontinwu dan ġie speċifikat f'dan l-artikolu, però t-Tribunal jirrimarka illi dan l-artikolu jirreferi għal azzjonijiet ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu taħt il-Kap. 452 jew taħt xi ordni ta' standard nazzjonali jew taħt ordni li jirregola s-settur, u li mhuwiex il-każ fil-każ in eżami."*

## L-Appell

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-28 ta' Ottubru, 2020 fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar, tirrevoka, u tikkanċella d-deċiżjoni appellata, u minflok tilqa' it-talbiet tagħhom jew fin-

nuqqas tibgħat lura l-atti quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi l-każ skont il-liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata. Jirrilevaw li s-segwenti huma l-aggravji tagħhom: (i) id-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett għaliex hija nieqsa minn motivazzjoni; u (ii) it-Tribunal erronejament iddeċieda li t-talba tagħhom kienet milquta mid-dekadenza.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-27 ta' Novembru, 2020, fejn qabel xejn tissottometti li l-appell tal-appellanti mhuwiex skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, għaliex l-aggravji tagħhom ma jirrigwardawx punti ta' dritt. Dwar il-mertu tgħid li l-appell għandu jiġi miċħud, filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet ippreżentati fit-tweġiba tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl ta' dak kollu li kkonstata u ddeċieda t-Tribunal.

9. Qabel ma tikkonsidra l-ewwel aggravju tal-appellanti, il-Qorti ser tindirizza l-kwistjoni dwar l-inammissibiltà tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, li qegħda titqajjem mis-soċjetà

appellata. Iżda tirrileva wkoll li dan is-subartikolu tal-liġi jillimita biss għal punt ta' liġi dawk l-appelli li jsiru minn deċiżjonijiet li jittrattaw tkeċċija mingħajr kawża ġusta, u kwistjonijiet li huma regolati permezz tal-para. (a) u (b) tas-subartikolu 75(1) tal-istess liġi. L-appell odjern la jirrigwardaw tkeċċija, u lanqas xi kwistjoni regolata minn dawn id-dispożizzjonijiet appena msemmija, u għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda ostakolu sabiex tieħu konjizzjoni tal-appell intavolat mill-appellanti.

*L-ewwel aggravju: [is-sentenza appellata hija nieqsa minn motivazzjoni]*

10. L-appellanti jiftħu s-sottomissjonijiet tagħhom b'riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Godfrey Schembri *vs.* Victor Portelli** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2013, u jirrilevaw li fid-deċiżjoni appellata m'hemm l-ebda riferiment għax-xhieda estensiva u lanqas ukoll għal dawk il-provi li kkonvinċew moralment lit-Tribunal li jiddeċiedi favur is-soċjetà appellata. Meta mbagħad it-Tribunal iddikjara li *"fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-allegat att ta' diskriminazzjoni irriżulta fil-mument illi l-Bank intimat iddeċieda illi Tom Anastasi Pace u Patrick Bonett għandhom jingħataw it-topping up tal-pensjoni...",* jissottomettu li hawn it-Tribunal m'għamel l-ebda konsiderazzjoni jew analiżi dwar xi prova. Jgħidu li l-konsiderazzjoni tat-Tribunal saħansitra hija waħda iżolata u miżjuda mas-sottomissjonijiet li huma proprjament tas-soċjetà appellata, meta hawn kellhom isiru l-konsiderazzjonijiet mit-Tribunal. B'hekk jgħidu li jibqa' mhux magħruf għaliex it-Tribunal wasal għal dik il-konklużjoni u liema prova huwa kien straħ fuqha. Jinsistu li meta hemm eċċezzjoni ta' dekadenza, fost affarijiet oħra għandhom jiġu stabbiliti l-fatti dwar iż-żmien

minn meta beda jiddekorri l-perijodu ta’ dekadenza. L-appellanti jgħidu li fil-fatt kien hemm bosta provi u jirrilevaw li l-fatt ta’ meta beda jingħata t-*topping up* tal-pensjoni lil Tom Anastasi Pace u lil Patrick Bonnett kien inżamm mistur mis-soċjetà appellata. Madankollu t-Tribunal m’għamel l-ebda analiżi tal-provi, u b’hekk jissottomettu li dan ma setax jasal għall-konklużjoni tiegħu.

11. Is-soċjetà appellata wieġbet billi ssottomettiet li l-allegazzjonijiet tal-appellanti huma għal kollox infondati. Tgħid li l-ħsibijiet tal-appellanti huma għal kollox inkongruwenti u jikkoinċidu bejn aggravju u ieħor, fejn l-argumenti legali huma neqsin, partikolarment meta l-appell tagħhom seta’ sar biss fuq punt ta’ liġi, u l-argumenti tagħhom mhumiex kompatibbli mas-sentenzi ċitati minnhom. Is-soċjetà appellata filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li jgħidu l-appellanti fir-rigward tan-nuqqas ta’ riferiment tat-Tribunal għall-provi, tissottometti li din hija allegazzjoni ġenerika u bla direzzjoni. Tikkontendi li d-deċiżjoni appellata fil-fatt hija motivata biżżejjed, u t-Tribunal għamel apprezzament tal-fatti u tal-provi sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Hija tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Joseph Sammut et *vs.* Carmelo sive Charles Scerri et** deċiża fis-6 ta’ Ottubru, 2020, u ssostni li fejn il-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwistjonijiet rilevanti bħal ma ġara fil-każ odjern, ma kellu jkun hemm l-ebda nullità. Tgħid li fi kwalunkwe każ it-talba tal-appellanti għan-nullità m’għandha l-ebda bażi. Is-soċjetà appellata tgħid li t-Tribunal kien ħass li jkun aktar għaqli li jisma’ l-provi kollha qabel jiddeċiedi l-kwistjoni dwar id-dekadenza, u dan sabiex jiddetermina d-data tal-allegat ksur. Tgħid li fil-fatt it-Tribunal eżamina din il-kwistjoni meta għamel riferiment għax-xhieda ta’ diversi persuni, li tagħhom hija tagħmel elenku. Filwaqt li tiċċita d-disposizzjonijiet tas-

subartikolu 30(1) tal-Kap. 452, is-soċjetà appellata tgħid li t-Tribunal kien tenut jistabbilixxi: (1) min ingħata l-allegat benefiċċju; u (ii) il-mument minn meta l-appellanti saru jafu b'dan. Dan kollu tgħid kien indikat fis-sinteżi tax-xhieda tat-Tribunal, fejn dan semma ukoll lill-appellanti, u mar oltre meta semma il-provi kollha tal-partijiet. Tikkontendi li t-Tribunal ma kellux jidħol fid-dettal ta' kull xhieda, iżda kellu jqis biss dak rilevanti għall-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni u l-eċċezzjoni tad-dekadenza. Tgħid li fil-verità l-appellanti mhumiex kuntenti bid-deċiżjoni tat-Tribunal, iżda dan ma kienx jiġġustifika l-appell tagħhom, u s-sentenza għalhekk ma kellhiex titħassar stante li kienet ġusta fis-sustanza tagħha.

12. It-Tribunal qabel xejn iċċita s-subartikolu 30(1) tal-Kap. 452, u għaraf li l-kwistjoni fil-każ li kellu quddiem kienet tirrigwarda d-data tal-allegat ksur. Huwa kkonsidra l-pożizzjoni tal-partijiet rispettivi fejn l-appellanti kienu qegħdin jikkontendu li l-allegat ksur huwa wieħed kontinwu, u għalhekk it-terminu ta' dekadenza ma jibdiex jiddekorri, filwaqt li għamlu riferiment għal żewġ sentenzi li l-fatti fil-fehma tat-Tribunal kif jispjega, ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ quddiemu, għaliex proċeduri għall-esproprijazjoni li ma ġewx konklużi ma setgħux jitqabblu mal-każ odjern, fejn ma kien hemm l-ebda proċeduri li ma ġewx konklużi. Spjega li l-każ odjern jirrigwarda deċiżjonijiet li ttieħdu darba fejn l-effett tagħhom kien għadu qed jinħass mill-appellanti, tant li ġew intavolati proċeduri quddiemu. Imbagħad it-Tribunal għadda sabiex qies dak li kienet qegħda ssostni fuqu s-soċjetà appellata, u esprima l-fehma li l-allegat att ta' diskriminazzjoni seħħ meta s-soċjetà appellata ddeċidiet li Tom Anastasi Pace u Patrick Bonett għandhom jingħataw it-*topping up* tal-pensjoni, filwaqt li dan ma

kienx dovut lill-appellanti. It-Tribunal irrileva li jekk jiġu eżaminati l-fatti li wasslu għal din l-allegata diskriminazzjoni, id-deċiżjoni jew deċiżjonijiet kienu jikkostitwixxu att ta' diskriminazzjoni b'effett kontinwu, u mhux att kontinwu ta' diskriminazzjoni. It-Tribunal qies ukoll argument ieħor tas-soċjetà appellata fejn hija straħet fuq id-disposizzjonijiet tas-subartiklu 47(2) tal-Kap. 452, iżda rrileva li dan is-subartikolu jirreferi għal azzjonijiet ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu taħt dik il-liġi jew taħt xi ordni ta' standard nazzjonali jew taħt ordni li jirregola s-settur, u l-każ odjern ma kienx wieħed minn dawn.

13. Il-Qorti tqis li qabel ma t-Tribunal għamel dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta mid-deċiżjoni appellata li dan kien eżamina bir-reqqa l-atti kollha tal-proċeduri. Dan eżamina wkoll l-provi kollha li ġew prodotti quddiemu miż-żewġ kontendenti. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra bħala korretta s-sottomissjoni tal-appellanti li *"[f]l-ebda parti mid-deċiżjoni ma hemm riferiment għax-xhieda estensiva miġbura..."*. Iżda tirrileva li għall-kuntrarju l-paġni 4 sa 9 tad-deċiżjoni appellata fihom sinteżi ta' dik ix-xhieda, u dan il-fatt jikkostitwixxi evidenza ċara li t-Tribunal ma warrabx l-imsemmija xhieda, anzi ħadha in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti mbagħad tgħid li huwa minnu li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal ma jagħmel l-ebda riferiment għal xi xhieda partikolari li huwa straħ fuqha, iżda tikkonsidra li t-Tribunal spjega sew ir-riżultanzi tiegħu, u meħuda in konsiderazzjoni s-sinteżi tax-xhieda magħmula minnu, dan ċertament ma setax għamlu billi kif donnhom qegħdin jissuġġerixxu l-appellanti, aċċetta s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata. Wara kollox għandu jingħad li l-appellanti fl-ebda ħin u bl-ebda mod ma jirribattu permezz ta' riferiment għall-provi dak li rriżulta lit-Tribunal.

14. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appellanti mhux ġustifikat, u qed jiġi miċħud.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal żbalja meta ddeċieda li t-talba tal-appellanti kienet milquta mid-dekadenza]*

15. Meta jispjegaw it-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jirrilevaw li quddiem it-Tribunal huma kienu ssottomettew li fil-każ odjern ma tistax tiġi ndikata data minn meta jibdew jiddekorru l-erba' xhur ta' dekadenza skont l-artikolu 30 tal-Kap. 452. Jgħidu li huma kienu wkoll għamlu riferiment għal sentenza fl-ismijiet **Pawlu Cachia *vs.* Avukat Ġenerali**[1] kif ċitata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Christopher Hall et *vs.* Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et** deċiża fit-18 ta' Settembru, 2009, u filwaqt li jispjegaw dak li hemm ġie deċiż, huma jissottomettu li fil-każ odjern id-deċiżjoni arbitrarja in kwistjoni kienet tfisser li huma kuljum qegħdin jiġu mċaħħda milli jibbenifikaw mill-fond, u dan ħoloq sitwazzjoni kontinwa ta' diskriminazzjoni kontrihom. L-appellanti jsostnu li madankollu t-Tribunal m'għamel l-ebda analiżi u apprezzament tas-sottomissjonijiet tagħhom, għajr li rrileva li proċeduri ta' esproprijazzjoni kienu differenti minn dawk odjerni. L-appellanti filwaqt li jkomplu jispjegaw kif it-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu, u ddikjara li fil-każ odjern iċ-ċirkostanzi kienu jinkwadraw fid-definizzjoni ta' *'att ta' diskriminazzjoni li ghandu effetti kontinwi u mhux att kontinwu ta' diskriminazzjoni'*. Jikkritikaw lit-Tribunal talli straħ fuq l-awtur Selwyn u deċiżjonijiet Ingliżi, għaliex dawn ma kellhom l-ebda

[1] Rik.586/97VDG, 28.12.2001.

valur fil-liġi tagħna, u jgħidu saħansitra li aħna m'għandha l-ebda liġi li fuqha seta' jistrieħ it-Tribunal, u lanqas ukoll ma kien hemm ġurisprudenza fir-rigward. Huma jissottomettu wkoll li l-eċċeżżjoni tal-intempestività tal-azzjoni, u dik li wħud minnhom ma kienux għadhom laħqu l-età pensjonabbli, huma kontradittorji għal dik in kwistjoni. Huma jikkontendu li l-vertenza odjerna ma kellhiex tiġi determinata daqstant faċilment meta s-soċjetà appellata kienet ħadet deċiżjoni diskriminatorja bil-moħbi fil-konfront tagħhom u b'hekk id-deċiżjoni appellata ippremjatha għal dan.

16. Is-soċjetà appellata afferma l-pożizzjoni tiegħu li l-erba' xhur ta' dekadenza kif stabbiliti *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kap. 452, għandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha ttieħdet id-deċiżjoni li l-benefiċċju għandu jingħata lil kull wieħed mill-individwi in kwistjoni, u dan irrispettivament mill-effetti ta' dik id-deċiżjoni li baqgħu jinħassu sussegwentement. Tikkontendi li l-att in kwistjoni għalhekk għandu jitqies bħala '*an act of discrimination*' li għandu *'continuing consequences'* u mhux *'an act of continuing discrimination',* u dan filwaqt li tagħmel riferiment għall-awtur Selwyn. Għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-appellanti li d-deċiżjoni tagħha kienet inżammet mistura, tirrileva li r-rikorrenti kollha, u hawn hija tagħmel riferiment għal paġna 8 tad-deċiżjoni appellata, kienu jafu biha sa mill-ħabta tas-sena 2005 u għalhekk aktar minn għaxar snin qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Is-soċjetà appellata tispjega li r-riferiment għas-sentenza ċitata mill-appellanti hija waħda żbaljata, anki għaliex ma tittratta l-ebda kwistjoni dwar impjieg jew dekadenza, u għalhekk it-Tribunal għamel sew li warrabha. Għal dak li jirrigwarda s-sottomissjonijiet tal-appellanti dwar l-awtur Selwyn u d-deċiżjonijiet Ingliżi, illi dawn m'għandhom l-ebda rabta

jew valur fil-liġi tagħna, is-soċjetà appellata tgħid li għall-kuntrarju huwa prinċipju stabbilit l-aktar fil-liġi dwar l-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali, li fejn hemm inċertezza jew lacuna, issir riferiment għall-ġurisprudenza u għal-liġi Ingliża, bħal fil-każ ta' *constructive dismissal.* Is-soċjetà appellata tgħid li l-liġijiet tagħna dwar diskriminazzjoni, anki dawk dwar id-dekadenza, huma kważi l-istess bħal dawk li jinsabu fil-liġi Ingliża. Dwar il-kontradizzjoni bejn l-eċċezzjonijiet magħmula minnha, is-soċjetà appellata tispjega li dawn saru f'ċirkostanzi fejn hija kellha kontriha rikors magħmul minn 87 rikorrenti b'mod vag, u li b'hekk hija ma setgħetx tippreżenta d-difiża tagħha b'mod speċifiku u dettaljat.

17. Il-Qorti tgħid li hawn ukoll l-appellanti huma żbaljati. Tibda billi tosserva li bħal ma għamlu quddiem it-Tribunal, huma jistrieħu għal kollox fuq żewġ sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom li permezz tad-deċiżjoni arbitrarja tas-soċjetà appellanta nħolqot sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni kontinwa fil-konfront tagħhom, li baqgħet tipperdura sallum. Għalhekk huma jikkontendu li t-terminu ta' erba' xhur ma bediex jiddekorri. Iżda t-Tribunal tajjeb għaraf li dawk il-proċeduri kienu jikkonċernaw proċeduri ta' esproprijazzjoni li ma kienux ġew konklużi, filwaqt li l-każ odjern ma kienx jirrigwarda l-ebda proċeduri li ma ġewx konklużi. It-Tribunal hawn osserva li l-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw deċiżjonijiet ta' darba li l-effetti tagħhom baqgħu jinħassu mill-appellanti, tant li nfetħu l-proċeduri odjerni. Il-Qorti filwaqt li tgħid li l-osservazzjonijiet u r-raġunament tat-Tribunal huma tajbin, tagħraf ukoll li dawk il-proċeduri li għalihom isir riferiment mill-appellanti huma ta' natura kostituzzjonali, fejn il-kwistjoni tirrigwarda l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali kif imsejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-

Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Tqis li ġaladarba l-ilment tal-appellanti ta' diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom tressaq quddiem it-Tribunal, u dan *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452, huma ma jistgħux jippretendu li huma applikabbli fil-konfront tagħhom l-istess prinċipji applikabbli mill-Qorti Kostituzzjonali, għaliex it-Tribunal ma jgawdi mill-ebda setgħat kostituzzjonai jew konvenzjonali. Għalhekk kuntrarjament għal dak li jikkontendu l-appellanti, it-Tribunal kien korrett meta għamel riferiment għall-awtur Selwyn u għall-każistika tat-Tribunali u l-Qrati Ingliżi, li huma aktar rilevanti għall-każ quddiemu, u addotta d-distinzjoni li dawn jagħmlu dwar jekk il-fatt li wassal għall-allegata diskriminazzjoni kienx deċiżjoni ta' darba jew riżultat ta' policy min-naħa tal-prinċipal. Meħud dan in konsiderazzjoni, it-Tribunal għalhekk sewwa ddeċieda li l-allegat att ta' diskriminazzjni seħħ hekk kif is-soċjetà appellata ddeċidiet li Tom Anastasi Pace u Patrick Bonett kellhom jingħataw *topping up* tal-pensjoni, iżda ma kellux isir l-istess fil-konfront tal-appellanti. Barra minn hekk tajjeb osserva it-Tribunal li din id-deċiżjoni tas-soċjetà appellata kellha semmai tiġi meqjusa bħala att ta' diskriminazzjoni b'effetti kontinwi, iżda mhux att kontinwu ta' diskriminazzjoni. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tat-Tribunal, u tgħid li huwa proprju ż-żmien li fih ittieħdet id-deċiżjoni tas-soċjetà appellata li huwa rilevanti għall-kwistjoni tad-dekadenza tal-azzjoni tal-appellanti, li donnhom qegħdin jissuġġerixxu li din qatt ma ttieħdet u għalhekk l-ebda terminu ta' dekadenza ma jista' jiddekorri. Huma jinsistu li ġaladarba din id-deċiżjoni tiġi mposta kull xahar, b'hekk l-allegat att ta' diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom huwa kontinwu. Iżda l-Qorti tgħid li b'dan huma qegħdin iwarrbu l-fatt li d-deċiżjoni ttieħdet darba waħda biss u

minħabba n-natura mensili tal-pagamenti, kellha tibqa' tiġi mplimentata kull xahar fil-futur.

18. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li t-tieni aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**